MALTA

# QORTI CIVILI PRIM AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 519/1995/1

**Nazzareno sive Reno Mercieca**

**vs**

**Onor. Prim Ministru bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta u Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Nazzareno Mercieca pprezentat fis-17 ta' Awissu 1995 li permezz tieghu l-istess rikorrent issottometta illi:-

Illi l-esponent gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali talli:

L-Ewwel Kap

Fl-ewwel lok jghid:- Illi fil-lejl tal-Hadd, sebgha (7) ta' April ta' l-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) ghall-habta ta'

xi l-ghaxra (10:00 p.m.) jew aktar tard, Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri, fil-fond numru 18, Carmelite Street, Valletta aggredew vjolentament lil Robert sive Bertu Vella u bil-hsieb li joqtluh jew li jqieghdu l-hajja tieghu f'periklu car tawh xebgha bla hniena u tawh diversi daqqiet b'martell f'diversi partijiet ta' gismu fosthom f'rasu u wiccu kkagunawlu diversi fratturi u feriti ohrajn fl-istess partijiet ta' gismu li wahedhom kienu bizzejjed biex jikkagunaw il-mewt. Il-vjolenza ta' l-aggressjoni kienet tali li Mercieca u Scerri baqghu isawtu lil Vella anke meta dan intelaq fl-art ghall-mejjet. Vella miet b'rizultat tal-feriti li sofra kif inghad;

Meta kienu certi li Vella kien mejjet, Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri qatghu ir-ras u d-dirghajn tal-kadavru ta' Vella bi flixkun imkisser u nezzghu il-kadavru minn hwejgu sabiex ma jkunx facilment identifikabbli. Aktar tard dak il-lejl stess Mercieca u Scerri qabdu d-diversi partijiet tal-kadavru ta' Vella u rmewhom il-bahar;

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri saru hatjin ta' omicidju volontarju, u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri hatjin ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew lijqieghdul-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt; jitlob li jintaghmel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl—artikoli 211 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

U peress li Nazzareno sive Reno Mercieca kiser il-kundizzjoni fuqu imposta bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Nazzareno sive

Reno Mercieca" tal-15 ta' Marzu 1989 jitlob li jigi applikat l-artikolu 10 (b) ta' l-Att XII ta' l-1957, Kap 152;

It-Tieni Kap

Fit-tieni lok ighid: Illi fil-lejl tal-Hadd, sebgha (7) ta' April elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) ghall-habta ta' l-ghaxra (10:00 p.m.) jew aktar tard, Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri, fil-fond numru 18, Carmelite Street, Valletta aggredew vjolentament lil Robert sive Bertu Vella u bil-hsieb li joqtluh jew li jqieghdu l-hajja tieghu f'periklu car tawh xebgha bla hniena u tawh diversi daqqiet b'martell f'diversi partijiet ta' gismu fosthom f'rasu u f'wiccu u kkagunawlu diversi fratturi u feriti ohrajn fl-istess partijiet ta' gismu li wahedhom kienu bizzejjed biex jikkagunaw il-mewt. Il-vjolenza ta' l-aggressjoni kienet tali li Mercieca u Scerri baqghu isawtu lil Vella anke meta dan intelaq fl-art ghall-mejjet. Vella miet b'rizultat tal-feriti li sofra kif inghad. B'hekk gie li Robert sive Bertu Vella miet b'delitt ta' omicidju volontarju;

Wara li qatluh kif inghad Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri hdew il-kadavru ta' Vella li kienu jafu ben tajjeb li kien mejjet b'delitt billi qatawlu rasu u drieghu sabiex ma jkunx identifikabbli u ramewh il-bahar. Illi b'ghemilhom l-imsemmija Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri saru hatjin ta' habi ta' persuna maqtula u cioe` tali xjentement hbew il-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri hatjin ta' habi ta' persuna maqtula u cioe` talli xjentement hbew il-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt, jitlob li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li kull wiehed minnhom jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien minn erba' xhur sa sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl—artikoli 239 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati;

U peress li Nazzareno sive Reno Mercieca kiser il-kundizzjoni fuqu imposta bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Nazzareno sive Reno Mercieca" tal-15 ta' Marzu 1989 jitlob li jigi applikat l-artikolu 10 (b) ta' l-Att XII ta' l-1957, Kap 152;

Illi l-gurija b'verdett taghha tal—21 ta' Jannar 1994 iddecidiet u ddikjarat:

L-Ewwel Kap

1. "Il-gurija b'7 voti kontra 2 voti jsibu lil Nazzareno sive Reno Mercieca hati izda biss bhala komplici f'dan il—kap ta' l—att ta' l—akkuza.

2. Il-gurija b'7 voti kontra 2 voti jsibu lil Gaetano Scerri hati skond dan il-kap (l-ewwel) ta' l—att ta' l-akkuza.

It-Tieni Kap

3. Il-gurija b'vot unanimu jsibu lil Nazzareno sive Reno Mercieca hati skond dan il-Kap ta' l-att ta' l-akkuza.

4. Il-gurija b'vot unanimu jsibu lil Gaetano Scerri hati skond dan il-kap ta' l-att ta' l-akkuza."

Il-gurija b'verdett taghha tal-21 ta' Jannar 1994 ddecidiet u ddikjarat:- il-Gurati b'risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti jekk Nazzareno sive Reno Mercieca kisirx il-kundizzjoni fuqu imposta bis—sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil—kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Mercieca" tal-15 ta' Marzu 1989 b'vot unanimu jiddikjaraw li huwa kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sentenza;

Illi l—Onorabbli Qorti Kriminali b'sentenza taghha tal-21 ta' Jannar 1994 ddikjarat u ddecidiet:-

"Rat iz—zewg verdetti registrati l-lum li bihom il-gurati sabu:—

Lil—akkruzat Nazzareno sive Reno Mercieca:—

1. B'seba' voti kontra tnejn hati ta' komplicita fid—delitt ta' omicidju volontarju;

2. Unanimament hati tad—delitt tal-habi ta' kadavru ta'persuna maqtula b'delitt; u

3. Unanimament hati li kiser il-kundizzjoni fuqu imposta bis-sentenza moghtija mill—Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Mercieca" tal-15 ta' Marzu 1989;

U lill—akkuzat Gaetano Scerri:-

1. B'seba' voti kontra tnejn hati ta' delitt ta' omicidju volontarju; u

2. Unanimament hati tad—delitt ta' habi tal-kadavru ta' persuna maqtula b'delitt;

Tiddikjara liz-zewg akkuzati hatja kif hekk misjubin mill-gurati;

U wara li semghet lill—Avukati, u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha rilevanti, u wara li rat l—artikolu 42, 211, 239, u 492 tal—Kodici Kriminali u l—Artikolu 10 (b) tal—Kapitolu 152 tal—Ligijiet: Tikkundanna lil kull wiehed mill-akkuzati ghall—prigunerija ta' ghoxrin (20) sena, minn liema ghandu jigi mnaqqas rispettivament ghall kull akkuzat il-perjodu li dak l-akkuzat ghamel arrestat preventivament dwar il-kaz prezenti;

Tibghat lill-akkuzat Nazzareno sive Reno Mercieca quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) biex dina titratta ma' l—istess akkuzat fit—termini ta' l—artikolu imsemmi 10 (b) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet;

Tirriserva li tipprovdi fuq it—talba ta' l—Aukat Generali ghall-kundanna tal-hatja biex ihallsu l-ispejjez tal-perizji

fuq rikors appozitu li jkun jindika dettaljatament dawk l-ispejjez skond il-ligi;

Tiddikjara li l-Imhallef sedenti ma jidhirlux mic-cirkostanzi, li hemm raguni ghal xi wahda mir-rakkomandazzjonijiet kontemplati fl-Artikjolu 494 tal-Kodici Kriminali la fir-rigward ta' Nazzareno Mercieca li talab f'dan is-sens, u l-anqas fir-rigward ta' Gaetano Scerri."

Illi l-esponent hass ruhu aggravat mill-verdett u mis-sentenza u interpona appell mill-istess quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali;

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 1995 ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali;

Illi l-esponenti jhoss illi kemm fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u kemm f'dawk quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa ma nghatax smiegh xieraq bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jgib il-premess a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa konsistenti dan billi taghti dawk id-direttivi, taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, taghti dak il-kumpens li jidhrilha xierqa sabiex twettaq u tassigura l-osservanza ta' l-imsemmija Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fosthom li tiddikjara li s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Jannar 1994 u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nazzareno sive Reno Mercieca et, huma nulli u bla effett ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u impregudikati kull drittijiet ohra inkluzi dik ghal danni li l-esponent hu intitolat ghalihom kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati illi fiha huma esponew illi l-unika asserzjoni migjuba ‘l quddiem mir-rikorrent in sostenn tat-talbiet tieghu hi semplicement li hu “jhoss” li ma nghatax smiegh xieraq fil-proceduri minnu msemmija izda dak li “jhoss” jew “ma jhossx” ir-rikorrent b’ebda fatt allegat in sostenn ta’ dan hu evidentement insufficjenti u jimmanifesta l-frivolezza u vessatorjeta` tat-talbiet tar-rikorrent li ghalhekk ghandhom perentorjament jigu dikjarati tali  minn din il-Qorti;

Rat in-nota pprezentata mill-istess rikorrent fejn indika l-bazi tar-rikors promotorju;

Rat in-noti pprezentati miz-zewg partijiet u ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi r-rikorrent kien instab hati mill-Qorti Kriminali ta' omicidju volontarju u ta' habi ta' persuna maqtula; u hu hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u interpella minnha appell ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, izda din il-Qorti kkonfermat l-ewwel sentenza;

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent talab illi din il-Qorti tiddikjara nulli dawn id-decizjonijiet peress li huwa jikkontendi li fihom huwa ma inghatax smiegh xieraq u li gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu sanciti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

Illi fin-nota fejn spjega l-bazi tar-rikors tieghu Mercieca spjega fit-tul ghaliex huwa kien jikkontendi li ma kienx hati; jirreferi wkoll ghax-xhieda ta' l-akkuzat l-iehor fl-istess guri Gaetano Scerri, li pero` dwar il-mument meta "laghbilu" huwa xehed "L-Ghawdxi, (ir-rikorrent odjern) kif inzilt jien bil-martell, tela' jigri fuq.  Ghalhekk meta tajtu d-daqqa jien kont wahdi"; din il-verzjoni anqas tidher simili ghal dik li ta r-rikorrent dwar dan il-mument partikolari.  Fl-istess nota huwa ghamel ukoll bosta osservazzjonijiet ohra dwar il-meritu tal-kaz; din il-Qorti ma ghandhiex tidhol fl-apprezzament tal-provi imma hi kostretta tillimita ruhha ghat-talbiet fid-dawl tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.  Din il-Qorti anqas ma ghandha tezamina x-xhieda ta' l-espert forensiku jew tal-patologisti u anqas tikkonsidra il-*fingerprints*, il-feriti jew l-armi; certament ma ghandhiex tidhol fuq l-allegazzjoni li saret mill-istess rikorrent li fid-dawl tax-xhieda li ta l-akkuzat l-iehor Scerri, Mercieca gie b'hekk assolt mill-omicidju "huwa gie assolt mill-omicidju volontarju ta' Bertu Vella u minn kull komplicita` fl-istess delitt";

Ikkonsidrat ir-rikors ipprezentat minn Mercieca tul dawn il-proceduri u ezattament fid-29 ta' Lulju 1997 fejn huwa talab il-produzzjoni tat-tapes tal-guri fejn kien xehed id-Deputat Registratur ta' l-imsemmi Magistrat, kif ukoll ir-risposta ta' l-intimati fejn ma oggezzjonawx ghal produzzjoni ta' tali tapes ghalkemm issottomettew li din ix-xhieda kienet kollha irrelevanti; giet fil-fatt ipprezentata traskrizzjoni ta' l-imsemmija xhieda u din tghid biss li d-Deputat Registratur ikkonferma li x-xhieda ta' l-akkuzat kienet ittiehdet u nkitbet mill-Magistrat u ma kienetx giet registrata;

Ikkonsidrat li in segwitu r-rikorrent ipprezenta rikors fejn ingungja lill-Magistrat imsemmi izda din it-talba giet respinta;

Illi l-meritu ta' dan ir-rikors huwa separat minn dak promotorju izda jikkonsidra fid-dettal il-lanjanza principali tar-rikorrent; huwa jikkontendi illi l-fatt li huwa ma kienx thalla iressaq lill-Magistrat Peralta biex jixhed dwar il-

korrettezza o meno tat-traskrizzjoni tieghu (tal-Magistrat) ta' dak li huwa kien qal kien jikkostitwixxi ksur ta' dritt ta' *fair hearing* u *equality of arms*. Huwa jallega li l-Magistrat nizzel hazin dak li kien qal hu; dan l-izball jikkonsisti f'punteggjatura differenti li tbiddel is-sens ta' dak li suppost qal ir-rikorrent. Ried iressaq lill-Magistrat bhala xhud biex jistaqsih jekk kienx ha zball meta nizzel dak li kiteb;

Illi r-rikorrent stqarr ukoll li l-Magistrat kien, wara li kitibha, qralu x-xhieda kif fil-fatt miktuba; il-Qorti tifhem li ghalkemm jista' jkun li "il-kelma miktuba ma tesprimix intonazzjoni" imma meta l-Magistrat qralu dak li kien inkiteb, certament ir-rikorrent seta' jikkontrolla l-intonazzjoni; una volta l-Magistrat qara dak li kien inkiteb, certament l-intonazzjoni ta' dik il-lettura kienet ghal kollox differenti minn dik li r-rikorrent jallega li kien uza. Anqas jirrizulta illi b'xi mod ipprotesta ghal dak li kien inqaralu anzi fl-imsemmija nota spjegattiva r-rikorrent stqarr li huwa kien qabel ma' dak li kien inqaralu;

Illi oltre l-konsiderazzjonijiet legali kontenuti fid-digriet tat-8 ta' Marzu 2002 wara r-rikors imsemmi tar-rikorrent tas-6 ta' Gunju 1999, il-Qorti anqas taqbel "li l-unika persuna li tista' tholl din il-kobba kien biss il-Magistrat Peralta"; anki mill-att prattiku din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Magistrat imsemmi jista' jiftakar sfumatura pjuttost sottili bhal dik allegata mir-rikorrent jew jekk meta qara t-traskrizzjoni li kellu quddiemu u li kien kiteb, uzax intonazzjoni differenti minn dik illi tirrizulta mill-kitba;

Illi l-Qorti ma taqbilx anke kieku l-kliem kellu jigi varjat ghal dak li jrid ir-rikorrent, dan kien iwassal li Mercieca "la kien imdahhal direttament u lanqas indirettament fl-omicidju volontarju";

Illi l-imsemmi rikors kien gie ampjament ittrattat u anki giet esebita gurisprudenza relattiva u wara li gie deciz permezz ta' l-imsemmi digriet tat-8 ta' Marzu 2002 ma gie intavolat ebda appell minnu u immedjatament wara d-difensuri qablu li r-rikors promotorju seta' jithalla ghad-decizjoni finali;

Illi minn ezami ta' l-atti gudizzjarji quddiemha din il-Qorti, minghajr ma tidhol fil-meritu tas-sentenzi moghtija, ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li "l-unika haga li rabtet lir-rikorrent mad-delitt ta' omicidju volontarju li gie akkuzat bih, kienet sentenza imnizzla fl-inkjesta ... li kienet imnizzla b'punteggjatura hazina.";

Illi ghalkemm mir-rikors promotorju ma jirrizultax car x'kienu l-lanjanzi tar-rikorrent li fuqhom kien jibbaza l-allegazzjonijiet tieghu, jidher li huwa qed jitlob li peress li l-prosekuzzjoni naqset li tajjat lill-Magistrat Carol Peralta (u ghalhekk ma kellux il-possibilita` li jezamina l-istess Magistrat) kienet kisritlu d-dritt tieghu a tenur ta' l-Artikolu 39(6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u naturalment anki l-artikolu simili fil-Konvenzjoni Ewropea.

Illi d-difensur ta' l-intimati skond il-verbal ta' l-Udjenza tal-31 ta' Ottubru 1995 irrileva li "ma jirrizultax li saret xi talba u inghata xi digriet ghal produzzjoni tal-Magistrat Peralta mid-difiza"; ghalkemm wara t-trattazzjoni d-difensuri "impenjaw ruhhom li jesebixxu estratt tal-partijiet rilevanti" baqa' ma gie prodott xejn.  Irid jigi wkoll rilevat li fin-noti ezawrjenti pprezentati mir-rikorrent qatt ma rrizulta li fil-proceduri antecidenti ghal dan ir-rikors promotorju kienet saret xi talba biex il-Magistrat Peralta jitressaq bhala xhud;

Illi ghalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar 'il fuq, il-Qorti ma tarax li fil-proceduri kontra r-rikorrent gew vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti bl-Artikoli indikati fir-rikors.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tichad it-talba fir-rikors ta' Nazzareno sive Reno Mercieca intavolat fis-17 ta' Awissu 1995.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur